Hdura fuq pazjenti mill-istaff kemm trid fl-isptar Monte Carmeli

3 messages

Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com> Tue, 21 Jul 2026 at 16:53
To: customercare.mhs@gov.mt, clientsupport.mhs@gov.mt

Mela 'l bierah 20-Jul-26 mill-erba' ta' fil-ghodu meta kont bejn imqajjem u le ndur fis-sodda, f'daqqa wahda minn dik is-satra tal-lejl spiccajna bis-sala kollha bid-dormitorji b'kollox bid-dawl abjad tas-suffett kollu mixghul. Bhalma hi n-norma li nurse li jkun dahal shift ta' bil-lejl jintefgha jorqod minn xi l-11p.m. u ma jqumx qabel l-5a.m. / 6a.m., ghax sehel kien hemm xi pazjent habbat il-bieb tal-clinic fl-4a.m. u qajjem lin-nurse li kien gewwa, inzerta mhallas overtime biex tkun aktar vili, bir-rata siegha siegha u nofs, ried vendikattivament ipattieha lill-pazjenti kollha halli bhalma pazjent qajjem lilu, iqajjem daqstant lill-pazjenti kollha b'dan il-mod u wkoll bit-tgergir tieghu - halli "jitghallmu" u halli jinkorla lill-pazjenti ghat-tali pazjent, meta minflok ahna ddeplorajna lil dan it-tali nurse, qomna s-sala kollha hsibna li sar il-hin ghas-shower jew il-breakfast li normalment jitqassam lejn 7:45.

Dan it-tali nurse hu l-istess wiehed li fil-15-Oct-25 meta gew biex ipattuhieli ghax via terzi rrapurtajt lil NO Sandro Cortis, waqt li kont fejn il-kancell ta' MW1, qalli kollu herra "gib il-mobile l'hawn u idholli 'l gewwa" fejn kien hemm dak il-Psikjatra Shilton jidher f'isem il-Psikjatra Joseph Spiteri li qatghali l-permessi kollha u harigli restriction order u wara komplew kuljum ghal diversi jiem jaghmluli bizibilju ta' vendikazzjoniniet.

Ukoll, qabel saret il-bidla fil-menus b'aktar varjeta tal-ikel lejn id-9-Feb-26, l-istess tali nurse kellu habta flok iqassam l-ikel skont l-isem tal-pazjenti li hemm assocjat mieghu, iqassam bl-addocc biex jehles, addio xi jkun ordna l-pazjenti tliet ijiem qabel. Lill-pazjent CZ ghax kien isibu ftit imbecillat, kien dejjem ibellghalu l-froga, l-ghar fost l-ikel kollu. Ghax il-Hadd 28-Dec-25 mort nghid lil NO Sandro Cortis li kien il-clinic biex jigi u jiehu passi, Cortis kif mistenni hassu skomdu jikkundannah meta hu b'daqstant aktar hdura ghall-pazjenti. Allura nfex mieghu jaghjruni kemm jifilhu, b'dan in-nurse jaghjarni quddiem pazjenti u staff ohra bhala "bahnan, kummidjant," u li "kompli sejjer hekk u maqful tibqa' " (dan meta fiz-zmien meta kont vendikattivament maqful u vvendikat ghax irrapurtajt via terzi lil Cortis). Cortis min-naha tieghu beda jaghjarni biex immur nirrapporta kemm irrid u kollu arja mar lura l-clinic u gabli turrun karti tal-Customer Care, u sabbathomli fuq il-mejda quddiemi waqt li kont qed niekol. It-tali nurse s'intendi daqstant qalli hu wkoll biex immur nirraporta ghax jaf li ma jista' hadd ghalihom. Kien zball tieghi li stennejt support minn ahdar bhal Cortis li qatt ma kien sejjer jattakka staff meta tant ghenuh jivvendika ruhu minni wara li kont gimghat qabel irrapurtajtu, u meta lilu ma jghaddih hadd ghad-daqstant hdura fuq il-pazjenti, minni 'n partikolari. Hadd mill-istaff l-ohra ma tani support, mhux sejrin jiksruha ma kollegi ghall-wicc pazjent. Waqt li konna ghadna ghaddejjin bl-ikel, sehel pazjent talab lil Cortis tazza cafe, b'dan Cortis hataf l-opportunita biex jaghjarni jgibha li qed jitlob Lili permess ghax mhux suppost ituhom cafe dak il-hin. Waqt li dak it-tali nurse baqa' sejjer il-clinic aktar igerger u jitghajjar biha ma min jiltaqa', Cortis qabel telaq hu wkoll ra kif ghajarni li noqghod nimsah l-imwejjed biex imbaghad immur niftahar ma tal-OT, meta jien tant naghmel kollox bla ebda pretensjoni li addio li m'ghandix 1c beneficcji Socjali bhal m'ghandhom tista' tghid il-pazjenti kollha, xorta nintriga b'xoghol voluntarju, u l-apprezzament arahom xorta jitghajru bik tant kemm ghandhom hdura ghall-pazjent - qisu wiehed ta' kilwa u flok il-prosit joqghodu jaghjruh li ghamilha biex joqghod jiftahar biha.

Imbaghad ma l-istess tali nurse kien hemm kwistjoni ohra il-Gimgha 2-Jan-26 meta hu sehel kien xoghol fil-ghodu. Meta lejn 18:30 dahal is-shift ta' bil-lejl b'nurse minnhom, is-soltu X, overtime, l-Indjan li kelli vendikattivament level fuqi (kienu regghu bdew b'serje ta' vendikazzjoniniet fuqi ghax irrapurtajt aktar abbuzi), jinduna li taf lejn 16:30 kien tilef l-Abloy key tas-sala. Il-hodor ta Sandro Cortis u dan in-nurse X flok cemplu jekk hadix xi staff bi zball, mill-ewwel dawruha li xi hadd mil-pazjenti kien hadha, u arahom gabu l-Pulizija tal-gate tal-isptar biex jitterrorizzawna. Ordnaw li nigu mfittxijn u qafluna kollha fl-ismoking room nibilghu d-dhahen tas-sigaretti u sigarri. Jibdew mis-sodod tad-dormitorji jqallbu u jfittxu, lili fil-pantry, nurse X u Cortis vendikattivament ramewli basket mimli flixken ghall-BCRS, u plastic u qxur tal-banana ghar-riciklagg. Jarmulna wkoll il-kaxxa bil-paketti tat-Twistees Minty b'kollox, xi 15-il pakkett li kienu nghataw ghall-pazjenti. Jibdew jaghmlu strip search fuq il-pazjenti fil-clinic, u darba jlestu nofshom u lili, ohrog il-ghageb, inkun barra u jghidulna li sabuha c-cuvetta, ikun hadha dak l-istess tali nurse - qalu li kien rahha f'xi tieqa fil-kcina u baqa' sejjer biha d-dar jew hallieha fil-locker tieghu (taf kien ghadda lejn 16:39 biex jara inhix fil-pantry nikteb biex nirrapurtah tal-incident ta' qabel tat-28-Dec-25). Minn kif graw l-affarijiet konvint li kienet bicca mahduma min-nurse X, mit-tali nurse u Cortis biex ikollhom biex jitterrorizzaw u jivvendikaw ruhhom mill-pazjenti u aktar jintimidawna milli nirrapurtaw. Fuq it-tali nurse hadd ma nvestigah tac-cuvetta li flok informa mill-ewwel bis-sejbien taghha, ipprefera jgib kollega staff ghax Indjan fl-inkwiet, u daqstant lit-tnejn l-ohra li flok l-ewwel iccekjaw ic-cuvetta kinitx ghand xi staff, dawruha li seraqha pazjent biex jitterrorizzaw il-pazjenti u jkollhom skuza biex jarmuli l-affarijiet tar-riciklagg u jumiljawna bi strip search. Bis-sahha tal-hin li hlilhom, Cortis li kien ilu xoghol minn fil-ghodu, x'aktar ikklejmja xi saghtejn jew aktar overtime, ma nahsibx li bhalma jaghmluh staff ohra ta' gurnata jilghabu bil-mobile u bil-lejl reqdin, sejjer joqghod minuta fuq il-hin minghajr ma japprofitta ruhu. Ara jien ghax ghalih bicca pazjent "liba", flok nikklejmja l-overtime u time-in-lieu, irid igibni li noqghod minflok ninhela niftahar b'rixi ghax sempliciment qghadt niknes u naqla' l-hara mill-lokijiet.

M'hiniex qed nitlob li jittiehdu passi kontra t-tali nurse, kontra s-soltu n-nurse X, jew Cortis, bhalma qatt ma hadu passi kontra staff ohra li rrapurtajt, imma kontra l-awtoritajiet tal-isptar u l-hodor ta' tobba u psikjatri li rawmu din il-kultura ta' mpunita u dejjem tawhom is-sodisfazzjon li jarawni nigi vvendikat ghax inkun irrapurtajthom - x'ma jaghjrunux rraporta kemm trid u jsabtulu l-karti tal-customer care quddiemi bil-qalb.

Issa meta suppost ghandu jigi dak tat-Times of Malta lejn 8-Aug-26 nispera li jsaqsi kif flok nvestigazzjoni li suppost issir f'kazijiet bhal dawn, dejjem jinfexxu f'vendikazzjonijiet fuqi li bhas-soltu jkolli naffacja 'n partikolari issa minn dik it-tant kelba u sahhara ta' Monte Carmeli, Roseanne Camilleri, li biex tissalvagwardja iz-zewg postijuet ta' xoghol ta' CEO u t'ambaxxatrici tal-Liechtenstein, mindu qalulha

lejn 17-Jul-26 li gej xi hadd tat-Times, gennita sala, ma waqfitx tibghat il-cleaners u tal-maintenance inadfu hemm u jirrangaw hawn, u arahom lilna l-pazjenti jkeccuna min-naha ghall-ohra tas-sala. Din l-istess hadra ta' CEO li mbasta gabet il-Ministru jinawgura l-Internet cafe fud-9-Jul-26 ghax lanqas gimgha ma hallietna ngawduh ghax propju mis-16-Jul, il-festa propja tal-Karmnu, rat kif qaflitna saghtejn ohra gewwa mill-mizerja t'erba' sieghat li nizzlitha li nistghu nkunu barra bl-iskuza tas-shana, haga li f'aktar minn 12-il sena kemm ilni maqful qatt ma esperjenzajna. Biex tifhem tali hdura ta' din ic-CEO, immagina jkollok qattus li flok tiehu pjacir tarah jigri mad-dar u l-gnien kollu, tiehu pjacir taqflu go gabuba ta' kamra jibla d-dhahen non stop tas-sigaretti u sigarri, u jduq biss ghal ftit hin nitfa zghira mill-ispazji tal-isptar li l-pazjenti kienu jgawdu minn dejjem qabel twikkejna biha. Anki l-mizerja ta' ftit ilma li konna nuzaw ghall-funtani u biex insaqqu l-gnien ta' MW1 tawha f'ghajna u minn xi xahar l'hawn anki l-vit li kont nuzaw biex insaqqu l-gnien ta' barra tal-occupational therapy qalatilna, ghax gabitha li qed tigi spiza ta' €16,000 ilma, imma ara ghal dawk l-eluf ta' eluf f'pagi bhala securities li gabet, ma kull sala, bizibilju ohra mal-gate, u erga tant ohrajn biex sempliciment nohorgu sal-main garden ghal dawk il-mizerja ta' ftit minuti, u fejn insibu stakkament erga iehor ta' securities ghassa biex ma nmorrux naqbzu l-limitu tan-nitfa zghira tal-ispazji disponibli li hallitilna access ghalihom.

Issa bhas-soltu stenniha tibghat malajr lill-psikjatra Joseph Spiteri, dak li fir-recording ta' Sando Cortis jitghajjar bija "liba" jikkwotah lil Spiteri jiftahar mal-istaff li sakemm idum hawn hu jien ma nohrogx minn hawn, u li nhar l-Erbgha 15-Jul-26 sa baghat ghall-file tieghi biex vilment nizzel nota fih li se jibqa' ma jtinix leave wahdi, u anki kompla vendikattivament jiftahar fuqi li lest "Niskarnah haj u ma nasal qatt intih leave wahdu." Dan l-ahdar li f'kull mezz possibli jipprova jimbuttani ghas-suwicidju billi jaghmilli hajti bla tama, issibu xejn anqas minn Deputy Chairman of Psychiatry - Alla hares tkun marid ma dawn il-hdura ta' nies ghax mhux ikussruk...

Nicholas Grech
I.D. no.: 435076M
Male Ward 1

Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com> Fri, 24 Jul 2026 at 16:52
To: customercare.mhs@gov.mt, clientsupport.mhs@gov.mt, mentalhealthcommissioner.health@gov.mt, mentalhealthcommissioner.meh-health@gov.mt, denis.vella-baldacchino@gov.mt, roseanne.camilleri@gov.mt, ian.borg@gov.mt, catherine.galea@gov.mt

CEO Roseanne Camilleri
CC:
Customer Care, Sptar Monte Carmeli
Catherine Galea,
Minister of Health, Ian Borg,
Commissioner for Mental Health, Denis Vella Baldacchino,

Napprezza l-laqgha tal bierah mac-CEO Roseanne Camilleri fil-prezenza ta Catherine Galea u xi Direttur Lorainne wara l-email t'hawn taht. Meta aktar tard l-istess CEO zaret is-sala jidher li qajmet il-punt tal-incident tal-20-Jul-26 mal-NOs tas-sala, Qaiser u Darren, li saqsewni fuq li gara.

Ghalkemm fl-istess rapport qghadt lura milli nsemmi l-isem tat-tali nurse partikolari, ghax daqstant xorta ghalxejn grazzi ghall-impunita li dejjem gawdew l-istaff fl-abbuzi sfaccati fuq il-pazjenti li ilha gejja min jaf kemm zmien, dak li gara l-ahhar lejl gieghlni nikteb mill-gdid.

Sehel li l-istess tali nurse, Michael Zammit, kien imissu jahdem is-shift ta' bil-lejl Thu-Fri fejn bhas-soltu dahal ikkargat biex jorqod, u erga aktar, biex jivvendika ruhu minni ghax sema' li kont irrapurtajt fuq li ghamel. Meta dhalt fis-sodda lejn 8p.m. beda jitkellem jaghjat apposta mal-istaff biex nisimghu mill-clinic, "ghax ikun hawn min imur jirraporta" - dan flok indenja jiskuza ruhu. Ghalkemm din id-darba ma kienx hemm pazjent li telfu r-raqda ta' kwazi shift shih, biex xorta juri l-hdura tieghu lejja li ghalih jien dak il-"kummidjant, bahnan, etc." u biex jurini li hu daqstant bhal Paul Pace tal-MUMN, Sandro Cortis, Marlene Grech, etc. ma jista' ghalihom hadd, jista' jaghmel l-arja bihom u wiehed jaghmel l-arja bl-impunita tal-iehor,, gie xorta wahda jivvendika ruhu mill-pazjenti billi din id-darba xeghel f' MW1 id-dwal bojod tal-kurituri mill-5a.m., u din vendikazjoni 'n partikolari minni li d-dormitorju fejn norqod jien u hames pazjenti ohra, qed kantuniera, b'4 twieqi bil-perspex transparenti u bieb li aktar miftuh milli maghluq, jaghtu ghall-imsemmija kurituri. Fetah ukoll it-twieqi tal-kuritur li jaghtu ghal barra apposta b'sahha biex iqajjem il-pazjenti.

Sadanittant stennejt lin-nursing aide johrog bit-te lejn 5:15a.m. u darba kienu xi 5:30a.m. tlabt lil dan in-nurse Michael Zammit biex inkun nista' ninhasel qabel ghax fis-7:00a.m. kellhom johduni ghall-appuntament fit-8:00a.m Mater Dei l-Opthalmic. Kollu herra, qalli "tkellimnix." Ghidtlu "allura mmur ninten" u nfaqa' jaghjarni "tista' tmur tirraporta kemm trid" quddiem nursing aide MF. Semmejtlu ta' meta kien ghajarni "kummidjant, bahnan" u fist taghjir iehor qalli "mur 'l hemm pufta." Ghal din sejjaht lill-istess MF biex ikunli ta' xhud li sadanittant kien dahal fid-dormitorju tieghi, u gabha li ma sema' xejn. Ghidt lilu u lin-nursing aide l-iehor MD biex jikkonfrontawh li ghajarni b'dik il-kelma "pufta" imma baqghu lura, ghax stennew li daqstant idawwar il-hdura tieghu lejjhom. Meta dawn wara xi hin dahlu l-clinic, waqt jien li kont fil-kuritur kompla jitghajjar bija maghhom u apposta jitkellem jaghjat biex nisimghu, fosthom billi jaghjarnu bil-kaz tieghi "tal-qtutos."

Dhalt lura fis-sodda, u darba bidluh is-shift ta' fil-ghodu, jew ghax ma hallilhomx handover li kelli l-appuntament kmieni u minflok kompla xewwex lilhom ukoll bol-hdura kontrija, jew xort'ohra, lanqas dawn m'avvicinawni biex ninhasel qabel immur. Fejn is-soltu jintefghu jaghmlu sa xi 7:30a.m. jiccacraw msakrin gol-clinic bil-bieb maghluq, din id-darba fethu qabel u marru biex jifthu s-showers mas-7a.m. Avvicinawni, imma ghidtilhom li kien ormaj tard wisq biex ninhasel, u kemm bdilt il-hwejjeg li kelli fuqi (fortunat li nzomm ftit hwejjeg tieghi) u mas-7:10a.m. haduni, umiljament nipprova nahbi r-riha t'gharaq - fil-karozza, quddiem in-nies f'Mater Dei u quddiem it-tabib tal-ghajnejn, u erga lura fil-karozza. Imma mhux biss ghax bl-herra li kellu ghalija dak in-nurse Michael Zammit, iddejjaqt insaqsi lilu jew lin-nursing aides biex forsi jtuni l-breakfast qabel, u daqstant kelli nibqa' b'zaqqi vojta sal-11:00a.m. Ukoll kien hemm pazjent ftit mohhu hafif, CC, li sehel kien irrabjat lejn pazjent iehor ghax gabha li hadlu xi sigaretti, u meta kien kellem lill-istess Michael fuq il-bicca u li jifqghalu sninu, Michael kompla mieghu jikkargah biex jifqaghhomlu.

Nahseb issa qbizna kull limitu u dawn il-vendikazzjonijet u hdura li jkolli nsofri tridu terfghu r-responsabilta intom ghalihom talli qatt ma ndenjajtu tiehdu dawk il-passi drastici u li hemm bzonn, u minflok ittuhom is-sodisfazzjon li jarawni dejjem nigi aktar u vendikat ghax irrapurtajt.

Meta fil-laqgha tal bierah ghidtli biex ma nsemmilekx il-kaz tas-17-Jul-17 ghax ma sarx fi zmienek u li missni rrapurtajt dakinhar, nifhem aktar kemm il-mottiv tissuggerili li "ghandni nibdel l-attitudni" u ma nirrapurtax u ma niktibx mhux hlief ghax tiddejqu tirfsilhom l l-kallijiet, biex aktar jirrumblaw ixxamplati fl-abbuzi fuqna l-pazjenti.

Fl-email t'hawn il-kliem u aggettivi iebsa fil-konfront tieghek - fosthom ghal mod kif rajt li graw aktar vendikazzjonijiet fuqi wara li kont qajjimtlek kazijiet t'abbuzi, huma frott il-frustrazzjoni ghal din il-klima ta' hdura minn certi staff li tkompliet bik fil-kariga. Daqstant huma koroh it-taghjir li qlajt jien, il-mizerabbli pazjent, minkejja li ghal wicc in-nies nilghabuha li l-pazjent irridu nghinuh. Jekk int lesta thalli dawn it-talin igibuk komplici maghhom fil-cover-up tal-abbuzi taghhom, affarik, imma jien nahseb li tista' taqleb il-pagna.

Kieku shelt irrekordjajt lilek titghajjar bija u baghttu lill-media, tahseb li ma kienux itajruk mill-ewwel? Mela kif hadd ma jiehu passi meta jkollok wiehed bhal Sandro Cortis, f'dak ir-recording li ghaddejtilkom minn zmien ilu u qed accessibli hekk publikament online, jirreferi ghalija pazjent bhala "liba", jikkwota u jitghajjar bil-kliem tal-Psikjatra Joseph Spiteri fuqi li jien "m'hawnx mignun perikoluz daqsu" u jirrepetiha ghal xi tliet darbiet u aktar, u daqstant jiftahar bil-hdura tal-istess Spiteri ghalija li sakemm idum hawn hu ma johrognix minn hawn (dan hudu fil-kuntest li konxju sew li qed maqful innocentament, b'timbru ta' mentali fuqi li origina b'qerq mill-bidunett, u b'perizja tal-qorti b'konkluzjoni zbaljata meta zgwidajt lill-istess Psikjatri nvoluti, etc.)? Ghalxiex dawk il-flus mohlija fl-iStrategy for suicide prevention, u mbaghad ikollok Psikjatra bhal Spiteri li jimbuttak hekk ghas-suwicidju billi jaghmilli hajti apposta tidher bla tama (hopeless), u kollox qisu xejn mhux xejn.

Kieku kelli nikteb lill-media jew naghmel mistoqsija parlamentari kemm kien hawn securities meta lhaqt u kemm hawn issa wara sentejn fil-kariga tieghek bhala CEO u nsaqsi ghat-tant spejjez f'pagi bla ma ggwadanjajna xejn, ghax xorta d-droga regghet dahlet u tali postijiet baqghu disponibli minn fejn pazjenti jistghu jaharbu? Jekk hemm flus ghal tali kapricci, kif m'hemmx biex jitranga s-Social Centre u bqajna f'dik in-nitfa gabuba minflok? Jekk hemm flus biex Spiteri jaghti s-sodisfazzjon lill-istaff li jarawni nigi vvendikat b'nurse 24x7 fuqi kif gara dan l-ahhar li swew minn stimu li ghamilt mas-€60,000, jekk hemm flus biex pazjent jinzamm f'ward b'carers mieghu 24x7 minn Ottubru '19 ghax missieru sehel kien kollega u habib mal-psikjatra David Cassar, mela kif taraw m'hemmx ghan-nitfa ilma li nuzaw biex insaqqu l-gnien f'MW1 u l-OT? Wara li cahduna mit-teatru meta jidhirli qabel l-elezzjonijiet ta' Gunju '24 kienu inawguraw is-CTC minflok, jridu issa jcahduna wkoll mill-ilma ghall-gnien tal-OT ghax sehel wara biss sentejn is-CTC zviluppatilhom hsara fih?

Jien kont behsiebni nahtaf ic-cans li gejjin tat-Times biex imqajjem dawn il-punti u tant nuqqasijiet ohra, fosthom dawk li nizzilt fuq fuq bhala lixka fl-email t'hawn taht. Imma biex taf lit-tali tat-Times nohorgu ta' mbecillat li hallikom taghmuh b'kisja zebgha u tindifa ta' MW1 lest noqghod pass lura jekk dak Michael Zammit, Sandro Cortis u l-Psikjatra Joseph Spiteri (mid-distrett ta' Had Dingli u tal-Ministru Ian Borg) jigu mkeccija mmedjatament - biex nuru li verament il-pazjenti jigi l-ewwel u mhux dejjem dik il-prijorita kif se naraw kif nivvendikaw ruhna minnhom. Iz-zejjed kollu zejjed u li qed nibqa' nsofri hu kollu ghax hadd s'issa ma kellu l-gazz jaffacja r-realta u ta' dan ma tistghux taharbu mir-responsabilta.

Nicholas Grech
Male Ward 1, Sptar Monte Carmeli,
Id no.: 435076M
[Quoted text hidden]

Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com> Sat, 25 Jul 2026 at 10:50
To: customercare.mhs@gov.mt, clientsupport.mhs@gov.mt, mentalhealthcommissioner.health@gov.mt, mentalhealthcommissioner.meh-health@gov.mt, denis.vella-baldacchino@gov.mt, roseanne.camilleri@gov.mt, ian.borg@gov.mt, catherine.galea@gov.mt

CEO Roseanne Camilleri
CC:
Customer Care, Sptar Monte Carmeli
Catherine Galea,
Minister of Health, Ian Borg,
Commissioner for Mental Health, Denis Vella Baldacchino,

Kontra qalbi qed ikolli nerga nikteb bl-ahhar aggornamenti li graw dan il-lejl Fri, 24 - Sat 25-Jul. Gara li l-istess nurse Michael Zammit dahal xoghol night shift iehor, u overtime jdabbar xi €400 (€22 x 12hr x 1.5).

Gara li wara li tqassmu l-pirmli u meta jien kont dhalt fis-sodda, lejn 20:15, nisma' xebgha tisbiet fuq bieb. Hsibt li kien thawwad xi pazjent. Minflok qaluli li l-istess Michael Zammit kien ghalaq ic-cwievet (bi zball jew apposta) fit-Treatment Room (dik li originarjament kienet Occupational Therapy room, b'loghob bhal draughts / chess / cards u anki laptop ghall-pazjenti, sakemm vendikattivament cahhadna minn kollox dak li kien NO Sandro Cortis, mit-22-Oct-24, l-aqwa li ghadna 2 WiFi hotspots suppost ghall-pazjenti imma minflok biex inxenquhom biss, bl-istaff ikollhom biex jixxamplaw bil-wifi huma minflok), u hu u xi pazjenti li kienu fil-madwar u marru jtuh daqqa t'id, kienu qed jippruvaw jisgassaw dak it-tali bieb. Wiehed pazjent ohxon, JP, intriga jifqghu bil-piz tieghu, tah daqqa, b'Michael nisimghu jghidlu "tih, tih" sakemm faqghu l-parti fejn kien hemm is-sallatura tal-bieb u nfetah, bir-rizultat li gie kif muri fir-ritratt.

Dan flok cempel emergenza lil tal-maintenance biex jigu jtaqqbu s-sallatura (lock) u jkunu jistghu idawruha u jifthu l-bieb bla ma jkissruh. Mhux biss imma bl-involviment tal-pazjenti, seta' facilment poggihom fil-periklu u korra xi pazjent b'tali salvagizmu. L-iskop propju wara l-manuvra, kienet biex l-istess Michael Zammit ikollu malajr kemm jista' jkun ghad-dispizizzjoni tieghu dik qisha sodda stretcher li kien

hemm gewwa biex jghaddi l-lejl rieqed fuqha, kif fil-fatt ghamel u raqad hemm gew (is-soltu din kien igorra fil-clinic biex ikun rieqed vicin it-telefon f'kaz li jcempel u jkun jista' jilghaba li qed imqajjem fuq xogholu).

Ghadda l-lejl, u din id-darba ma giex vendikattivament jixghel id-dwal tad-dormitorji mill-4a.m. jew tal-kurituri mill-5a.m. Meta kellu t-twieqi tal-kuritur li jaghtu ghal barra miftuha, xeghel air conditioner minnhom tal-kuritur mill-5a.m. apposta b'dawn it-twieqi miftuha.

Grazzi ghal din l-impunita, allura hemm spiza ohra fejn nahseb ikolli jinbidel il-bieb, sakemm ma jaghzlux li jraqqugh biex jiffrankaw. L-aqwa li l-istess Michael Zammit hareg b'xi €400 f'overtime miktuba ghalih u sodisfazzjon li bhas-soltu u bhal ohrajn qablu, dejjem jghadduha lixxa.
[Quoted text hidden]
[Quoted text hidden]